# Don Lorenzo Hervas, Ġan Franġisk Agius de Soldanis, u l-Ilsien Malti

Mario CASSAR, MA
*Department tal-Malti, Il-Junior College tal-Università ta' Malta*
e-mail: mario.cassar@um.edu.mt

**Abstract:** *Lorenzo Hervás y Panduro (1735–1809) kien Ġiżwita Spanjol, poliglotta, u filologu famuż. Il-kapulavur tiegħu kien it-trattat kożmoloġiku fi 22 volum intitolat* Idea dell'Universo, *Cesena, 1778–92. Volumi XVII* (Catalogo delle lingue conosciute, *1784*), *XX* (Vocabolario poligloto, *1787*), *u XXI* (Saggio pratico delle lingue, *1787*) *ta' din l-enċiklopedija fihom xi tagħrif fuq il-Malti, inkluż listi sħaħ ta' kliem. Fit-tielet xogħol saħansitra jagħti verżjoni tal-Pater Noster bi lsienna. Hervás iserraħ sostanzjalment fuq dak li qara fil-ktieb* Della Lingua Punica *(1750) ta' Ġan Fanġisk Agius de Soldanis. Interessanti għalhekk il-vokabularju Malti li ma jinstabx fl-opra tal-kanonku Għawdxi. Fix-xogħlijiet tiegħu, Hervás dejjem jirreferi għall-Malti bħala 'Punico-Maltese'; biss, matul xogħlu, jipprova juri wkoll l-affinità tiegħu ma' lingwi Semitiċi oħra, bħall-Ebrajk, l-Etjopiku, u l-Għarbi.**

**Kliem Muftieħ:** *Lorenzo Hervás, filoloġija, lingwistika komparattiva, Puniku-Malti, Pater Noster, Agius de Soldanis.*

## Bijografija[1]

Lorenzo Hervás y Panduro (1735–1809) kien Ġiżwita Spanjol u filologu famuż li f'xi wħud mill-kitbiet tiegħu kiteb fuq il-Malti; anki jekk, bil-kriterji tal-lum, l-osservazzjonijiet tiegħu huma sorpassati. Biss jidhirli li r-rabta ta' dan il-lingwista mal-Malti qatt ma ġiet studjata qabel; anzi, dawk li kitbu fuq l-istorja ta' lsienna nista' ngħid li injorawh għal kollox.

Hervás twieled f'Horcajo de Santiago (Cuenca) fl-10 ta' Mejju 1735 minn Juan García Hervás u Inés Panduro. Beda n-novizzjat tiegħu fi ħdan l-Ordni tal-Ġiżwiti ta' 14-il sena, studja t-teoloġija u l-filosofija għal seba' snin f'Alcalá de Henares, u sar saċerdot fl-1760. Għal xi żmien għallem il-filosofija fis-Seminarju

---

* An abstract in English may be found at the end of this paper.

[1] Din il-bijografija hi bbażata primarjament fuq it-tagħrif mogħti minn Carlo Tagliavini fl-*Enciclopedia Italiana Treccani*, vol. xviii, Ruma, 1949, pp. 480–1, u Carlos Rodríguez Eguía fl-*Enciclopedia de la Cultura Española*, vol. iii, Madrid, 1966, p. 540. Il-kotba fuq Hervás huma numerużi, fosthom: Eusebio-Julián Zarco-Bacas y Cuevas et al., *Estudios sobre Lorenzo Hervás y Panduro, 1735–1809*, Madrid, 1936; Antonio Tovar, *El linguista español Lorenzo Hervás*, Madrid, 1986; Manuel Breva-Claramonte, *Lorenzo Hervás y Panduro*, Madrid, 1991; u Fermin Caballero, *Noticias biográficas y bibliográficas del abate D. Lorenzo Hervás y Panduro*, Cuenca, 2000.



DON LORENZO HERVÁS

Rjali ta' Madrid u fil-kulleġġ ġiżwita ta' Murcia. Wara rħielha lejn l-Amerki bħala missjunarju u dam hemm sal-1767, meta l-Ġiżwiti tkeċċew mill-artijiet kollha li kienu jiffurmaw parti mir-Renju Spanjol, inklużi l-kolonji.

Mar-ritorn tiegħu fl-Ewropa, stabbilixxa ruħu f'Cesena; imbagħad f'Ruma fl-1785. Sakemm dam l-Italja laħaq ġenneb l-interessi tiegħu fit-teoloġija u x-xjenzi naturali biex ikun jista' jikkonċentra esklużivament fuq il-filoloġija. Hervás mar lura pajjiżu fl-1798 fejn għex għal erba' snin fil-Katalunja, iżda eventwalment kien sfurzat jirritorna l-Italja, u qatta' l-aħħar snin ta' ħajtu f'Ruma.

Hervás kien figura ċentrali fl-ambitu umanista u enċiklopediku tas-seklu 18. Il-Papa Piju VII għamlu prefett tal-Librerija Kwirinali, kariga li baqa' jżomm sa mewtu. Kien bniedem mill-aktar stmat u kien membru ta' diversi soċjetajiet akkademiċi prestiġjużi, fosthom l-Akkademja tax-Xjenzi u l-Antikità ta' Dublin u l-Etruska ta' Cortona. Fl-Italja kellu ċ-ċans jiltaqa' ma' ħafna membri tas-Soċjetà tiegħu li kkonglomeraw fil-belt eterna wara s-soppressjoni tal-Ordni. Seta' għalhekk jiġbor ħafna tagħrif lingwistiku mingħand sħabu l-ġiżwiti li qabel, tista' tgħid, kienu mxerrdin mal-erbat irjieħ tad-dinja – tagħrif li altrimenti ma setax isibu f'għejun letterarji.[2]

Miet Ruma fl-24 ta' Awwissu 1809.

## Il-ħidma letterarja u lingwistika ta' Hervás

Hervás kien kittieb mill-aktar prolifiku u versatili. Il-kapulavur tiegħu jibqa' bla dubju ta' xejn it-trattat kożmoloġiku intitolat *Idea dell'Universo, che contiene la storia della vita dell'uomo, elementi cosmografici, viaggio estatico nel mondo planetario e storia della terra* fi 22 volum. Il-partijiet ġew stampati separatament f'Cesena bejn l-1778 u l-1792. Il-volumi I–XVI u XXII ta' din l-enċiklopedija, li jirrigwardaw ix-xjenzi naturali, illum tilfu l-valur tagħhom kważi kompletament, iżda l-volumi l-oħra għad għandhom preġju kbir fl-isfera tal-lingwistika komparattiva. Dawn huma l-vol. XVII – *Catalogo delle lingue conosciute e notizia*

[2] Dwar il-ħidma tal-Ġiżwiti Spanjoli f'Ruma f'dan il-perjodu, cf. Niccolò Guasti, *L'esilio italiano dei Gesuiti spagnoli: identità, controllo sociale e pratiche culturali, 1767–1798*, Ruma, 2006.

*della loro affinità, e diversità* (1784); vol. XVIII – *Origine, formazione, meccanismo ed armonia degl'idiomi* (1785); vol. XIX – *Aritmetica delle nazioni e divisione del tempo fra l'orientali* (1786); vol. XX – *Vocabolario poliglotto, con prolegomeni sopra più de CL lingue, dove sono delle scoperte nuove, ed utili all'antica storia dell'uman genere ed alla cognizione del meccanismo delle parole* (1787); u vol. XXI – *Saggio pratico delle lingue con prolegomeni e una raccolta di orazioni Dominicali in più di trecento lingue e dialetti* (1787).

Hervás kiteb dawn ix-xogħlijiet kollha bit-Taljan; imma sa mill-1789 ħafna minnhom bdew jiġu tradotti wkoll għall-Ispanjol minn diversi ħbieb u dixxipli tiegħu, u eventwalment ippubblikati mill-ġdid f'art twelidu. Pereżempju, f'Madrid, fl-1800, deher il-*Catálogo de las lenguas de las naciones conocidas, y numeración división y clase de éstas según la diversitad de sus idiomas y dialectos*, f'sitt volumi.

Hervás ipprova jinvestiga l-oriġini u r-rabta etnoloġika ta' diversi ġnus fuq bażi lingwistika. Għalhekk, l-għan ewlieni tat-trattat kien bażikament filoloġiku. L-ewwel volum jittratta r-razez u l-ilsna Amerikani; it-tieni volum jitkellem fuq il-gżejjer fl-Oċean Indjan u l-Oċean Paċifiku; filwaqt li l-volumi l-oħra, li jkopru l-lingwi Ewropej, huma inferjuri fil-kwalità mill-ewwel tnejn. Kollox ma' kollox, minkejja l-iżbalji anki kbar li ħa, xogħlu baqa' punt ta' riferiment importanti għall-investigaturi li ġew warajh.

Partijiet oħra tat-trattat tiegħu jinkludu: *Virilità dell'uomo* (1779–80, erba' volumi); *Vecchiaja e morte dell' uomo* (1780); *Viaggio estatico al mondo planetario* (1780); u *Storia della terra* (1781–83, sitt volumi). Ittraduċa għall-Ispanjol l-istorja tal-Knisja ta' A.H. Berault-Bercastel f'25 volum (1797–1808). Ikkompila grammatika ta' xejn anqas minn 18-il lingwa Amerikana li, aktar tard, ikkomunika lil William von Humboldt għall-pubblikazzjoni tal-*Mithridates* (Berlin, 1806) ta' Johannes Cristoph Adelung (1732–1806).

Lejn tmiem is-seklu tmintax, minkejja li kien għad fadal ħafna fehmiet anakronistiċi u preġudikati fuq l-oriġini u s-sura ġenerika tal-lingwi, xi studjużi kellhom moħħhom miftuħ biżżejjed biex iniedu l-moviment storiku-komparattiv. Fl-1770, pereżempju, l-Ungeriż János Sajnovics (1733–85), Ġiżwita ieħor, studja bir-reqqa l-aggruppament tal-ilsna Finno-Ungariċi fix-xogħol seminali *Demonstratio idioma Ungarorum et Lapponum idem esse*. Fl-opra tiegħu, Hervás mexa fuq l-istess prinċipji ta' Sajnovics. Bħalu għaraf li x-xebh lessikali m'huwiex biżżejjed biex jiddetermina l-appartenenza tal-ilsna; minflok, saħaq fuq l-istruttura morfoloġika li l-istess lingwi joperaw biha.[3]

Kien studjuż klassiku raffinat u orjentalist profond. Matul ħajtu, wera interess fil-matematika, l-arkitettura, l-istorja, l-astronomija, l-antropoloġija, u l-paleografija. Għalkemm inkunu qegħdin nesaġeraw jekk ngħidu li Hervás kien missier il-

[3] Cf. Giuseppe Brincat, *La linguistica prestrutturale*, Bologna, 1986, p. 132.

lingwistika moderna, irridu ngħidu li kien l-ewwel wieħed li forna sinteżi sistematika tal-ilsna varji tad-dinja – ħaġa li anki Adelung irrikonoxxa.

Hervás kiteb ukoll serje ta' kotba edukattivi għal dawk neqsin mis-smigħ; l-aktar wieħed importanti kien *Escuela española de sordomudos ó arte para enseñarles á escribir y hablar el idioma español* (Madrid, 1795). Kiteb ukoll xogħlijiet oħrajn ta' interess mixxellanju, fosthom *Descripción de los archivos de la corona de Aragón y Barcelona, etc.* (Cartagena, 1801) u *Causas de la revolución de Francia en el año de 1789, y medios de que se han valido para efectuarla los enemigos de la religión y del estado* (Madrid, 1807). Halla diversi manuskritti li xi wħud minnhom baqgħu mhux editjati: 'Historia de la Escritura'; 'Paleografía universal'; 'Moral de Confucio'; 'Historia de las primeras colonias de América'; 'El hombre vuelto á la religión'; kif ukoll trattati oħra ta' natura kontroversjali u teoloġika.

Volumi XVII (260 paġna), XX (248 paġna), u XXI (255 paġna) tal-enċiklopedija kożmoloġika fihom xi tagħrif fuq il-Malti. It-tlieta li huma kienu stampati f'Cesena minn Gregorio Biasini. L-awtur huwa dejjem indikat bħala l-Abbati Lorenzo Hervás. Minkejja li kien poliglotta magħruf, ma jidhirx, anzi hu improbabbli, li kien jaf bil-Malti. Fil-fatt hu jserraħ sostanzjalment fuq dak li qara fil-ktieb *Della Lingua Punica* (Ruma, 1750) ta' Ġan Franġisk Agius de Soldanis (1712–70).[4] Fix-xogħlijiet tiegħu, Hervás dejjem jirreferi għall-Malti bħala 'Punico-Maltese', għal darba oħra influwenzat mill-opra tal-kanonku Għawdxi.

## ***Catalogo delle lingue conosciute* (1784)**

M'hemmx dubju li Hervás, bħal Megiser, Maius,[5] u Agius[6] de Soldanis qablu, kien jemmen fin-nisel Puniku tal-Malti. Biss, matul xogħlu, jipprova juri l-affinità tal-Malti ma' lingwi Semitiċi[7] oħra, bħall-Ebrajk, l-Etjopiku, u l-Għarbi.[8] Pereżempju, jgħid li fost il-bedwini tal-Afrika ta' Fuq, li huma dixxendenti tal-

[4] Dan il-ktieb kien jinkludi *Nuova Scuola di Grammatica per agevolmente apprendere la lingua Punica-Maltese* – l-ewwel grammatika tal-Malti li qatt ġiet stampata. Fost l-istudjużi li kkummentaw fuq dan ix-xogħol insibu lil Passeri, Lami, u Zaccharia. Edizzjoni *fascimile* tal-opra ta' Agius de Soldanis dehret fl-2007, b'inizjattiva ta' Joe Zammit Ciantar.

[5] Hieronymus Megiser (1533–1618), vjaġġatur Ġermaniż, kiteb lista ta' kliem Malti, l-ewwel fil-ktieb *Thesaurus Polyglottus vel dictionarum multilingue*, Frankfurt, 1603, u mbagħad fil-famuż *Propugnaculum Europae*, Leipzig, 1606.

[6] Il-professur Ġermaniż Johannes Heinrich Maius (1688–1732) ippubblika studju bl-isem 'Specimen Linguae Punicae in hodierna Melitensium superstitis orbi erudito' fil-ktieb *Thesaurus Antiquitatum et Historiarum Siciliae*, Marburg, 1718.

[7] Hervás, mid-dehra, kien għadu mhux familjari ma' dan it-terminu, li ntuża għall-ewwel darba minn August Ludwig von Schlözer (1735–1809) fil-ktieb *Repertorium*, vol. viii, (ed. Johann Gottfried Eichorn), Leipzig, 1781, p. 161, biex jirreferi għal dawk il-lingwi li jixbhu lill-Ebrajk. Kien bis-saħħa ta' Eichorn (1752–1827) li t-terminu 'Semitiku' stabbilixxa ruħu sew fin-nomenklatura lingwistika.

[8] Hervás, pereżempju, isostni li l-Etjopiku għandu affinità ma' lingwi Semitiċi oħra bħal-Lhudi, il-Feniċju, u l-Puniku-Malti. Cf. *Catalogo*, pp. 234–5.

Feniċi, huwa komuni ħafna l-isem *Barabra* – isem Feniċju. Issa, dejjem skont il-ġiżwita Spanjol, l-istess kelma fil-Malti, tfisser '*forestiere*'.[9] Banda oħra jsostni li l-bedwini tal-Eġittu jitkellmu b'lingwa li tixbah ħafna lill-Għarbi li forsi għandu wkoll dixxendenza Feniċja. Il-kelma *beduin*, li tfisser '*villano*; *rustico*', teżisti fl-idjoma Maltija li hu djalett Feniċju.[10]

Il-kliem l-ieħor bil-Malti mogħti minn Hervás f'dan il-volum huwa:

[p. 248] *hhadar* – 'assistere allo sposalizio'
*hhaten* – 'cognato'
*hhtent* – 'cognata'
*hhaquem* – 'podestà; comandante; capitano'
*matra* – 'discorso inutile'
*montiera* – 'berretta da contadino'
*itqatta* – 'riscattabile'
*terter* – 'tremare intrizzito'
*sekia* – 'canale'
*ach* – 'fratello'
*baghda* – 'abominazione'
*efftahh* – 'aprire'
*ghaqul* – 'industria'[11]
*ghazel* – 'discernere'
*hhami* – 'calido'
*itzàhhar* – 'fiorire'
*kadim* – 'antico'
*kaui* – 'forte'
*mielahh* – 'sale'
*gronfol* – 'g[a]rofano'
*saffa* – 'sereno'
*saiet* – 'pescatore'
*zara* – 'seminare'
*haceldama* – 'campo di sangue'
*techel* – 'peso'[12]
[p. 249] *genna* – 'paradiso'
*ighap* – 'saliva'[13]
*libien* – 'incenso'
*nofs* – 'metà'
*qaddis* – 'santo'
*qelp* – 'cane'
*qtiep* – 'libro'
*teumin* – 'gemelli'
*zeft* – 'pesce'[14]
*fuq* – 'alto'
*geua* – 'dentro'
*maut* – 'morte'
*messa* – 'tasto'

---

[9] *Catalogo*, p. 246.
[10] Ibid., p. 236. Agius de Soldanis jagħti *bedui* (pl. *beduin*) bit-tifsira 'villano'. Cf. *Della Lingua Punica*, p. 122.
[11] Agius de Soldanis jagħti *ghaqal* u jżid it-tifsiriet 'giudizio', 'ingegno', 'senno'. Cf. ibid., p. 136.
[12] L-eżempji mogħtija f'p. 248 (minn *ach* sa *thecel*) huma mxebbha mal-Ebrajk. Barra l-kelma *thecel*, Hervás jagħti wkoll il-kelmiet *mane* u *phares* li żgur m'humiex kelmiet Maltin. Il-kitba MENE, TEQAL, FERES (jew aħjar MENA, TEQAL, PERAS) dehret fuq il-ħajt tal-palazz tas-Sultan Baltassar, kif inhu rrakkuntat fir-Rabta l-Qadima. Cf. Danjel 5, 25–8. Agius de Soldanis jitkellem fuqha f'*Della Lingua Punica*, pp. 133–4.
[13] Dan żgur huwa żball tipografiku, hekk li Agius de Soldanis jagħti *lghap*. Cf. *Della Lingua Punica*, p. 150.
[14] Żball tipografiku ieħor; Agius de Soldanis jagħti t-tifsira 'pece', kif suppost. Cf. ibid., p. 184. L-eżempji mogħtija f'p. 249 (minn *genna* sa *zeft*) huma mqabbla mal-Għarbi.

*srap* – 'cecità momentanea'[15]
*bir* – 'pozzo'
*jassu* – 'vecchio'
*sara* – 'combattere'[16]
*näza* – 'spogliato'
*la* – 'non'
*entasbu* – 'seduto bene'
*inuhh* – 'piangere'[17]
*baubau* – 'vacuo'
*pschar* – 'anunzio felice'
[p. 250] *hhlas* – 'liberazione'
*uadaf* – 'fronda'
*dar* – 'casa'
*debba* – 'giumento, cavallo'[18]
*deep* – 'oro'
*engkara* – 'imposizione'
*fieqku* – 'tenuta; podere'
*gharma* – 'mucchio di frumento'
*idein* – 'le mani'
*om* – 'madre'
*qarab* – 'avvicinato'
*qatta* – 'fascio; mazzo'
*saffaq* – 'osservare'
*sena* – 'anno'
*zan* – 'peccato carnale di acqua'[19]
*ghadira*, *ghidira* – 'pantano; stagno'.

Billi l-Feniċi u l-Kartaġiniżi waslu wkoll fi Spanja, Hervás jipprova jsib xebh bejn xi kelmiet fl-Ispanjol u l-Puniku-Malti.[20]

| Spanjol | Tifsira | Puniku-Malti | Tifsira |
|---|---|---|---|
| almazen | magazzino | *el-hhazen* | la provisione annuale di grano |
| anguarina | gabbanella | *giangkerlina*[21] | gabbano stretto |
| bellota | ghianda | *ballut* | ghianda, quercia |
| cantar | canzone | *kantar* | id. |
| chico | piccolo | *cqeiqen* | id. |
| cofia | rete da capelli | *skufia* | id. |
| ganar | guadagnare | *gana* | ricchezza |
| ganado | mandra di pecore | *aghniq* | arricchisco |
| guedeja, ghedeja | ciocca di capelli | *ghaqda* | treccia |
| harra, arra | arra, caparra, anello degli sposi, pegno delle nozze | *hhatem* | anello |
| jacue, baque | uomo altiero, vano | *hhaquem* | podestà, comandnate, capitano |
| matraca | trabaccolo | *matra* | discorso inutile |
| montera | berretta da contadino | *montiera* | id. |
| rescatar | riscattare | *itqatta* | riscattabile, filo di lana, lana |
| tiritar | tremare intirizzito | *terter* | id. |
| azequia | piccolo canale | *sekia* | canale di acqua negli orti |

[15] L-eżempji mogħtija f'p. 249 (minn *fuq* sa *srap*) huma mqabblin mal-Ebrajk u l-Gharbi.
[16] L-eżempji mogħtija f'p. 249 (minn *bir* sa *sara*) huma mqabblin mal-Eġizzjan.
[17] L-eżempji mogħtija f'p. 249 (minn *näza* sa *inuhh*) huma mqabblin mal-lingwa Etruska.
[18] Agius de Soldanis, ġustament, jagħti 'giumenta', 'cavalla'. Cf. *Della Lingua Punica*, p. 128.
[19] L-ezempji mogħtija f'pp. 249–50 (minn *baubau* sa *ghadira*) huma mqabblin mal-Feniċju.
[20] *Catalogo*, pp. 247–8. Hervás jinjora l-fatt li fil-Medju Evu Spanja u Malta kienu t-tnejn taħt il-Mori; il-konverġenzi mal-Malti b'hekk biss jistgħu jinftiehmu.
[21] Agius de Soldanis jagħti t-tifsira 'gilecco'. Cf. *Della Lingua Punica*, p. 116.

***Vocabolario poliglotto*** (1787)

Anki dan il-volum fih għadd ta' kelmiet bil-Malti:

[p. 79] *abiat* – 'bianco'[22]
[p. 96] *sama* – 'cielo'[23]
[p. 129] *hhatem, katem* – 'anello'
*miftuhh* – 'aperto'
*sabihh* – 'bello'
*hhaleh* – 'bocca'
*taiep* – 'buono'
*semel* – 'butiro'
*gemel* – 'camello'
*kelp* – 'cane'
*ràs* – 'capo'[24]
*bir, latmia* – 'cisterna'
*onch, hhonch* – 'collo'
*Alla* – 'Dio'
*ful* – 'fava'
*tin, bzengkul* – 'fico'
*bent, scebba* – 'figlia'
*bin, iben, ghazep* – 'figlio'
*ium, nhhar* – 'giorno'
*hhelk* – 'gomma'
*hhackem* – 'governatore'[25]
*ghsira* – 'isola'
*lisar* – 'lenzuolo'
*tuil* – 'lungo'
*rhham* – 'marmo'
*huisk* – 'molto'
*imaiker* – 'naso'
*isem* – 'nome'
*la* – 'non'
*hhain, ghain* – 'occhio'
*illùm* – 'oggi'
*deep, dehhep* – 'oro'
*baida, kukkau* – 'uovo'
*hhobs, chops* – 'pane'
*ziauhra, giauhra* – 'perla'[26]
[p. 130] *siemel, debba* – 'cavallo'
*hhabel* – 'fune'
*it, driehh* – 'mano'
*imbiekem* – 'muto'
*hhagila* – 'pernice'
*hut, hhut* – 'pesce'
*riskia* – 'piuma'
*nadif* – 'puro, netto'
*sultan* – 're'
*gilieda* – 'rissa'
*milhh* – 'sale'
*xitmeimùna* – 'scimmia'[27]
*serp* – 'serpe'
*hhmar* – 'somaro'
*ohht, ocht* – 'sorella'

---

[22] Iqabbel il-kelma, fost l-oħrajn, mal-Għarbi Eġizzjan *abiat* u l-Għarbi *abiah* [*sic*]. Cf. *Della Lingua Punica*, p. 79.

[23] Iqabbel il-kelma, fost l-oħrajn, mal-Etjopiku *samai* u l-Għarbi *sciama*. Cf. ibid., p. 96.

[24] Il-kelma *ras* jagħtiha wkoll f'p. 95 fejn iqabbilha, fost l-oħrajn, mal-Etjopiku *ras* u l-Ebrajk u l-Għarbi *ros*.

[25] Hervás, fil-*Catalogo*, p. 248, jagħti l-varjant ortografiku *hhaquem*.

[26] L-eżempji mogħtija f'p. 129 (minn *hhatem* sa *giauhra*) huma mqabblin max-'Shilhese' u l-Irlandiż (minħabba l-idea assurda ta' Vallancey li l-Gaeliku kien ukoll ilsien ta' nisel Feniċju). Il-Puniku-Malti, ix-'Shilhese', u l-Irlandiż huma deskritti minn Hervás bħala djaletti Feniċi, u għaldaqstant għandhom affinità mal-Ebrajk. Cf. *Vocabolario*, p. 128.

[27] Agius de Soldnais, fid-'Damma ...', jagħti *gketmeimuna*; Vassalli, fil-*Lexicon*, jagħti *kytmejmûnæ*; Serracino-Inglott, f'*Il-Miklem*, jagħti *gidmejmun* (< Sqalli *gattamaimuni*), bl-istess tifsira, 'xadina'.

*art* – 'terra'
*bakhra* – 'vacca'
*sciehh, snien*– 'vecchio'
*lipsa* – 'veste'
*ragel, ragal* – 'uomo'
*hheneb, hhenep* – 'uva'[28]

[p. 131] *sana* – 'anno'
*gisem* – 'corpo'
*chikeikem* – 'piccolo'[29]
*ragel* – 'uomo'
*hagira* – 'sasso'[30]
[p. 151] [sillaba] *ma* – 'madre'[31]

F'dan il-ktieb, Hervás jerġa' jaqbad mat-teorija Punika tal-Malti. Juri qabel xejn l-affinità li teżisti bejn l-ilsna Semitiċi kollha. Hekk, ngħidu aħna, jgħid li mal-Ebrajk nistgħu norbtu s-Sirjak mitħaddet fl-Asja, il-Puniku-Malti mitkellem fuq il-gżira ta' Malta, l-Etjopiku mitkellem fl-Afrika, u l-Għarbi mitkellem fl-Asja u fl-Afrika.[32] Banda oħra, jikteb li kliem Feniċju bħal *harak* 'bruciare', *iamin*, *iman* 'mano dritto', *iam, iamo* 'mare', u *zaith, zaitho* 'oliveto' hu qrib ħafna tal-ekwivalenti tiegħu fil-Puniku-Malti, l-Għarbi, u l-Ebrajk.[33] Fl-aħħar jgħid li l-Malti għandu affinità kbira mal-Għarbi Eġizzjan.[34]

Huwa ssuspetta li n-'Nubiese' għandu affinità akbar mal-Puniku-Malti milli għandu x-'Shilhese', iżda ammeta li m'huwiex il-każ.[35]

***Saggio pratico delle lingue* (1787)**

Xhieda tal-ħiliet komparattivi ta' Hervás hija l-ġabra tal-'Missierna' fi 307 lingwi differenti (apparti s-siltiet b'22 lingwa oħra) – xi wħud annotati b'kummenti grammatikali. Hervás kien aktarx influwenzat mil-lingwista Svizzeru-Ġermaniż Conrad Gessner li fil-ktieb *Mithridates* (Tiguri, 1555), kien qabbel 22 lingwa differenti billi uża appuntu din it-talba bħala kampjun.

Dan il-ktieb jinteressana qabel xejn għax fih Hervás jagħti verżjoni tal-*Pater Noster* anki bil-Malti. Hu jsejjaħ it-talba tal-*Missierna* 'l'orazione Domenicale', kif jidher mit-titlu sħiħ tal-ktieb. It-talba bil-Malti hi mifruxa silta silta fuq pp. 178–83:

[28] L-eżempji mogħtija f'p. 130 (minn *siemel* sa *hheneb*) huma mqabblin max-'Shilhese' u l-Ebrajk.
[29] Hervás, fil-*Catalogo*, p. 247, jagħti l-varjant ortografiku *cqeiqen*.
[30] L-eżempji mogħtija f'p. 131 (minn *sana* sa *hagira*) huma mqabblin mal-lingwa 'Shovviah' mitkellma fl-Afrika mill-Kabili (imsejħa Kelti mit-Tuneżini).
[31] Hervás jagħti lista sħiħa ta' lingwi li fihom is-sillaba *ma* tokkorri għall-kelma 'madre'. Cf. *Vocabolario*, p. 151.
[32] Ibid., p. 24.
[33] Ibid., p. 126.
[34] Ibid., p. 130.
[35] Ibid., p. 132.

[p. 178] *Missierna li inti ph' ismezijet:*
*icun imkades lisem tihech:*
[p. 180] *tigi issaltna: icun mahmul dach li trit,*
*kiph ph'issema u hhecda phlart.*
[p. 181] *Hhobsna ta kuglium atihhuna ilum.*
[p. 182] *Ahhfrinna min dnubietna,*
*phha l'ahhna nahhfru min hhata halina:*
[p. 183] *U' giahinniy nachhu fi tentazioni:*
*ma harisna min kull deni.*

Il-*Pater Noster* bil-Malti ta' Hervás kienet riprodotta minn Adelung li fil-*Mithridates* (Berlin, 1806) kien iddedika sitt paġni sħaħ għall-ilsien Malti, u inkluda wkoll il-verżjonijiet tal-istess talba pprovduti minn Maius fl-1718 u aktar tard minn Francesco Wizzino fit-*Taġhlim Nisrani* (Ruma, 1752).[36] Adelung jikkritika l-kampjun Malti ta' Hervás għax hu miktub b'Għarbi ħażin, kemm mil-lat lessikali kif ukoll mil-lat ortografiku.[37]

L-alfabett użat minn Hervás f'din it-talba jixbah ħafna lil dak ta' Agius de Soldanis. Juża, pereżempju, id-digraff *hh* fi kliem bħal *ahhna* ('aħna') u *nahhfru* ('naħfru'), għalhemm imbagħad jużah ukoll fil-kelma *hhecda* ('hekkda'). Tgħid għax l-akka f'dak iż-żmien kienet tinstema'? Flok l-*għ* tal-lum jikteb *h* – pereżempju *tihech* ('tiegħek'), *mahmul* ('magħmul'), u *halina* ('għalina'). Billi jikteb wkoll *harisna* ('ħarisna') bl-istess grafema, nissuspettaw li anki l-*għ* kienet titleħħen f'dak iż-żmien.

Interferenzi grafiċi interessanti huma l-*ph* Griega fi kliem bħal *kiph* ('kif') u *ph'* ('fi'), kif ukoll il-*gl* Taljana fil-kelma *kuglium* ('kuljum'). Fl-aħħar nett, nosservaw in-nuqqas ta' għarfien morfoloġiku fl-agglutinazzjoni tal-artikli jew tal-prepożizzjonijiet man-nomi suċċessivi – eż. *issaltna* ('is-saltna'), *lisem* ('l-isem'), u *phlart* ('fl-art').

Fl-elenku tal-lingwi, Hervás jinkludi l-Malti mal-*'lingue Asiatiche, ed Africane'*.[38] Mill-Afrika jgħid li rnexxielu jiġbor biss ħames verżjonijiet tal-'Missierna', fosthom bl-ilsien 'Shilhese' li hu jabbina għal darba oħra mal-Puniku. Isostni li l-kelmiet *dnuubnog* 'peccati nostri' u *dnoob* 'male' huma fil-fatt 'Punico-Maltese'.[39]

Il-Ġiżwita Spanjol jgħid illi mill-Puniku baqa' biss xi kelmiet 'l hawn u 'l hemm, iċċitati fl-opri ta' diversi awturi, u l-famużi għaxar versi miktubin minn

[36] Dan kien l-ewwel ktieb stampat bil-Malti (b'test parallel bit-Taljan); Wizzino qaleb il-katekiżmu ta' Bellarmino *Dottrina Cristiana Breve* b'ordni tal-Isqof Alpheran de Bussan.
[37] Adelung, *Mithridates*, pp. 416 u 419.
[38] *Saggio*, p. 82.
[39] Ibid., p. 220.

Plawtu fid-dramm *Penulo* (Att V, Xena I). Isemmi b'mod prominenti lil Agius de Soldanis, *'intendente della lingua volgare di Malta, ch'è dialetto Punico'*, li wkoll ra fil-versi msemmija residwu antik tal-Malti.[40] Hervás jagħmel studju komparattiv tal-passaġġ minn Plawtu, hekk kif espress bil-Puniku-Malti minn Agius de Soldanis, bl-Irlandiż minn Vallancey (li mirakolożament kien joħlom li l-Gaeliku (*Gaelic*) hu wkoll imnissel mill-Puniku),[41] u bil-Lhudi-Sirjak mill-Franċiż Samuel Bochart. Hu jirriproduċi t-test ta' Agius de Soldnais mill-ktieb *Annone cartaginese* (Ruma, 1757).[43] Hervás jirrepeti l-opinjoni tal-kanonku Għawdxi li t-test attwali ġie korrott mill-kopisti fil-proċess ta' trażlitterazzjoni għal-Latin.

***Escuela española de sordomudos* (1795)**

L-isem sħiħ ta' dan il-ktieb huwa *Escuela española de sordomudos, ó arte para enseñarles á escribir y habler el idioma español.* Hareġ f'żewġ volumi mill-Istamperija Rjali ta' Madrid fl-1795. Isem l-awtur, din id-darba, jidher bħala Lorenzo Hervás y Panduro. Anki hawn, il-Ġiżwita Spanjol isemmi l-Malti darbtejn. F'p. 103, jikteb li Spanja kienet għal xi żmien taħt il-Kartaġiniżi li introduċew l-idea tal-artiklu definit. Fl-Ispanjol hemm diversi kelmiet li jinkludu s-sillaba *al* li m'hi xejn għajr xhieda tal-artiklu (li fil-fatt hu l-artiklu Għarbi, mhux Kartaġiniż). Il-Kartaġiniż hu simili ħafna tal-Għarbi li għandu t-tendenza li juża l-artiklu b'mod eċċessiv. L-istess jiġri fil-Puniku-Malti, l-idjoma naturali ta' Malta, fejn għadu ppreservat dan l-ilsien qadim Kartaġiniż. Il-Malti jgħaqqad l-artiklu man-nomi fin-nominattiv, il-ġenettiv, id-dattiv, u l-akkużattiv – *el*, *tal*, *le*, u *men*.[44] Pereżempju, is-sillaba *tal* tindika l-artiklu tal-ġenettiv. F'p. 106, imbagħad, Hervás jagħti ż-żewġ pronomi personali Maltin *hua* u *hia*.

---

[40] *Saggio*, pp. 243–4. Jean Quintin d'Autun, magħruf bħala Quintinus (m. 1561), fil-ktieb tiegħu *Insulae Melitae Descriptio*, Lyons, 1536, kien diġà ddeskriva l-Malti bħala 'lingwa Afrikana' u sostna li l-Maltin kienu kapaċi jifhmu xi ftit kelmiet Puniċi li jidhru fl-opra teatrali ta' Plawtu. Hu kien żar Malta ftit qabel il-miġja tal-Ordni.

[41] Cf. Charles Vallancey (1721–1812), *An Essay on the Antiquity of the Irish Language Being a Collation of the Irish with the Punic Languages*, Londra, 1772.

[42] Samuel Bochart (m. 1667), fil-ktieb *Geographia Sacra in Opera Omnia*, Cadoni, 1646, kien ikkonferma li l-Malti hu ta' nisel Għarbi.

[43] Agius de Soldanis jispjega s-sens tal-kliem użat f'dan it-test f'*Della Lingua Punica*, pp. 34–83. Hu jikkummenta wkoll fuq is-sitt versi l-oħra ta' Plawtu li altrimenti ħafna studjużi oħra injoraw għax kienu ċerti li m'humiex Puniċi.

[44] Hervás jimxi mas-sistema morfoloġika Latina li jaddotta Agius de Soldanis f'*Della Lingua Punica*. Dawn il-partiċelli (illum miktuba *il-*, *tal-*, *lill-*, *mill-*) jagħtihom appuntu Agius de Soldanis f'*Della Lingua Punica*, p. 78.

**Kliem li ma ssibux f'Agius de Soldanis**

Il-parti l-kbira tal-lessiku msemmi minn Hervás hu meħud direttament mill-ktieb *Della Lingua Punica* ta' Agius de Soldanis. Ħafna drabi anki t-tifsir tal-kliem bit-Taljan hu preċiżament dak li jagħti l-kanonku Għawdxi. Id-differenzi huma żgħar.

a. Xi drabi l-ortografija tvarja f'xi rqaqat.

| Agius de Soldanis | Hervás |
|---|---|
| *Cqeiqen* | *chikeikem* |
| *Baqra* | *bakhra* |
| *Sena* | *sana* |
| *Qronfol* | *gronfol* |
| *Meut* | *maut* |
| *Babau* | *baubau* |
| *Seqia* | *sekia* |
| *Ellùm* | *illum* |
| *Fiegku* | *fieqku* |
| *Squfia* | *skufia* |
| *Hhaqem* | *hhackem* |
| *Uesq* | *huisk* |
| *Ghenep* | *hheneb, hhenep* |
| *Quqqa* | *kukka* |

Hervás jinjora t-tikka fuq iż-*ż* (kif jagħmel Agius de Soldanis) fi kliem bħal *ghażel, żeft, żara*, u *hhażen*. Dan seta' ġara sempliċiment għax ma kellux it-tipa meħtieġa.

b. Xi kultant it-tifsir ivarja kemm kemm.

Pereżempju, għall-kliem *zara, inuhh*, u *mielahh* Agius de Soldanis jagħti '*seminato*', '*piange*', u '*salato*', filwaqt li Hervás jagħti '*seminare*', '*piangere*', u '*sale*' rispettivament. Għall-kelma *srap* Agius de Soldanis jagħti t-tifsira 'cecità', filwaqt li Hervás jagħti 'cecità momentanea'. Għall-kelma *giangkerlina*, Agius de Soldanis jagħti 'gilecco', filwaqt li Hervás jagħti 'gabbano stretto'.

Il-kliem l-aktar interessanti li jagħti Hervás hu sintendi dak li ma jinsabx f'Agius de Soldanis. Min fejn seta' ġab dan il-kliem? Lejn is-sena 1755 Agius de Soldanis kien ħadem fuq dizzjunarju tal-Malti, 'Damma tal Kliem Kartaginis mscerred fel fomm tal Maltin u Ghaucin' (erba' volumi). Għall-ħabta tal-1761, imbagħad, kiteb it-tieni edizzjoni tal-grammatika, 'Nuova Scuola dell'antica lingua Punica scoperta nel moderno parlare Maltese e Gozitano'. Biss, dawn iż-żewġ xogħlijiet baqgħu manuskritti, u għalhekk ma setgħux waqgħu f'idejn Hervás, sakemm iż-żewġ skulari ma kinux jikkorrispondu ma' xulxin. Il-Ġiżwita Spanjol lanqas ma laħaq il-pubblikazzjoni tal-*Mylsen Phoenico-Punicum* (Ruma, 1791) u

*Ktieb il-Kliem Malti*, magħruf bħala l-*Lexicon Melitense-Latino-Italum* (Ruma, 1796), ta' Mikiel Anton Vassalli.

Hemm xi kliem li deher f'Megiser (= M) u fi Skippon (= S),[45] iżda ma nistgħux inkunu nafu jekk Hervás kienx familjari ma' dawn l-għejun.[46] Mill-bqija, nistgħu nispekulaw li seta' ħadhom minn fomm xi ġiżwiti Maltin li kienu Ruma f'dak iż-żmien. Il-Gran Mastru Pinto kien keċċa l-Ġiżwiti minn Malta fl-1768; għandna nifhmu li ħafna minnhom, f'dak il-perjodu, kienu għadhom l-Italja.[47]

Lista ta' kliem li mhux f'*Della Lingua Punica*:

| | |
|---|---|
| *abiat* (S *abiad*) | *miftuhh* |
| *hhaleh* (M *kalc*) | *semel, siemel* (M *siemel*) |
| *gemel* | *onch, hhonch* (S *eunk*) |
| *ful* | *ium, nhar* (S *nahar*) |
| *hhelk* | *ghsira* |
| *lisar* | *tuil* (S *tuil*) |
| *rhham* | *imaiker* (M *mniecher*, S *nicher*) |
| *isem* | *hhabel* |
| *imbiekem* | *hhagila* |
| *hut, hhut* (M *hot*, S *haut*) | *riskia* |
| *nadif* | *gilieda* |
| *milhh*[48] | *xitmeimùna* |
| *hhmar* | *gisem* (M *essem*) |
| *hhutem* | *hhtent* |
| *gana* | *aghniq* |
| *lipsa* | *ragel, ragal* |

Fis-snin 1748–60, il-Markiż Francesc De Sentmenat-Torrelles i d'Agulló (1697–1762), li kien midħla sew tal-Ġiżwiti, kiteb 'Vocabulari i gramàtica de la llengua maltesa'. F'dan il-manuskritt, li jinsab fil-Biblioteca de Catalunya, De Sentmenat ġabar vokabularju elementari, daqsxejn ta' grammatika, ftit djalogi, u

[45] Sir Philip Skippon (m. 1692), vjaġġatur Ingliż, ġabar 355 kelma bil-Malti. Huwa żar Malta fl-1664, imma l-lista tiegħu dehret f'*An Account of a Journey Made Thro' Part of the Low Countries, Germany, Italy, and France*, Londra, 1732.
[46] F'dak iż-żmien, Megiser kien magħruf żgur mill-istudjużi tal-Malti għax kien ikkwotat minn Maius, Agius de Soldanis, u Vassalli; iżda Skippon ma kienx.
[47] Il-Ġiżwiti kienu diġà tkeċċew mill-Portugal (1750), Franza (1764), u Spanja (1767). Terġa' u tgħid, fl-1773, il-Papa Klement XIV kien abolixxa l-Ordni fl-1773, tant li l-Ġiżwiti kellhom isiru saċerdoti djoċesani jew jingħaqdu ma' xi ordni reliġjuż ieħor. Il-Kumpanija ta' Ġesù reġgħet ġiet stabbilita mill-Papa Piju VII fl-1814.
[48] Agius de Soldnais jagħti *melha* u *meliha*; cf. *Della Lingua Punica*, p. 157.

katekiżmu reliġjuż qasir, inkluż verżjoni Maltija oħra tal-*Pater Noster*.[49] Nafu li Hervás għex fil-Katalunja fis-snin 1798–1802, iżda ma nistgħux naċċertaw il-fatt jekk kienx familjari mal-opra tal-markiż. Hu x'inhu, dan il-dokument Katalan jixraqlu skrutinju serju.

**Il-Puniku-Malti**

Hervás isejjaħ il-Malti 'Punico-Maltese' għax prinċipalment qagħad fuq dak li sostna Agius de Soldnais. Jidher ċar li għal sekli sħaħ kien hemm fehmiet konfliġġenti dwar in-nisel tal-Malti. Xi wħud kienu jsostnu li l-Malti kien il-fdal tal-Feniċju-Kartaġiniż; oħrajn insistew li l-Malti hu djalett Għarbi. Fost l-ewwel nies li abbinaw, b'xi mod jew ieħor, il-Malti mal-Puniku, insibu lil Jean Quintin d'Autun (1536), Gian Battista Tebaldi (1565) u Tommaso Porcacchi (1572); warajhom ġew Megiser (1603–06), Maius (1718), u appuntu Agius de Soldanis (1750).

Il-lista ta' skulari u vjaġġaturi li sejħu l-Malti lsien Moresk, Saraċen, jew Għarbi hi, madankollu, ħafna itwal. Fost dawn in-nies insemmu lil Sebastain Münster (1544), Tommazo Fazello (1558), Francesco Balbi de Correggio (1568), André Thevet (1575), Gianbattista Leoni (1582), Samuel Kiechel (1585), Pierre D'Avity (1613–14), Johann Freidrich Breithaupt (1632), Samuel Bochart (1646), Gian Francesco Abela (1647), John Ray (1664), Athanasius Kircher (1664), Olfert Dapper (1668), Jean du Mont (1694), Anselmo Pajoli (*c*.1694), John Dryden (1700), u Patrick Brydone (1770).

Burchardus Niderstedt de Holstein, li żar Malta f'nofs is-snin ħamsin tas-seklu 17, fil-ktieb *Melita vetus et nova* (Helmstedt, 1660), kien diġà rribatta t-teorija Punika tal-Malti. Fl-1754, il-*Journal Etranger* ta' Pariġi, fir-reċensjoni tal-grammatika ta' Agius de Soldanis, ikkonferma li x-xebh li hemm fil-kliem Malti mal-Puniku m'hu xejn għajr dak li wieħed isib fl-ilsna Semitiċi kollha. It-teorija Punika tal-Malti ġiet miċħuda wkoll minn studjużi oħra, fosthom il-Konti Giovanni Antonio Ciantar f' 'De Punica Melitensium Lingua' (dissertazzjoni miktuba wara l-1754), Jakob Jonas Björnstahl (1777), Antoine Court de Gébélin fl-opra monumentali *Monde primitif, analysé et comparé avec le monde moderne* (Pariġi, 1777–82),[50] u François-Emanuel de Guignard, Comte de Saint-Priest fil-ktieb *Malte par un voyageur françois* (Malta, 1791). Kollha ppruvaw ixejnu l-idea ta' Agius de Soldanis.

---

[49] Cf. Alexandre Queraltó Bartrés, *Un vocabulari Català-Maltès, manuscript del siegle xviii. Edicío, transcriptió i estudi*, Barcelona, 2003. De Sentmenat twieled Barċellona fl-1 ta' April 1697 u miet fl-istess belt fil-5 ta' April 1762. Hu studja l-Latin, il-Grieg, u l-Ebrajk għand il-Ġiżwiti u kien *connoisseur* tal-letteratura klassika. Kien wieħed mill-fundaturi tar-*Reial Acadèmia de Bones Lletres* ta' Barċellona u ddistingwa ruħu bħala filologu, poeta, u storiku. Hajr lil Olvin Vella li ġentilment ġibidli l-attenzjoni għall-ktieb ta' Queraltó Bartrés.

[50] Cf. Thomas Freller, 'Il-Malti – *Lingua Punica* jew *Lingua Arabica*?', tradotta mill-Ingliż għall-Malti minn Achille Mizzi, *Il-Malti*, 1/LXXII, Malta, 1998, pp. 1–7.

Seta' kien hemm diversi raġunijiet għala Agius de Soldanis tħabbeb mat-teorija tal-oriġini Punika tal-Malti. Qabel xejn, minkejja li l-konoxxenza tiegħu tal-Puniku kienet vaga għal kollox, u b'ebda mod xjentifika, ċertament kien jaf li l-Feniċju u l-Lhudi kienu żewġ lingwi li ħarġu mill-art tal-Kagħnan.[51] L-idea li jorbot il-Malti mal-Ebrajk Bibliku, imqar remotament, kienet bla dubju ta' xejn attraenti ħafna. Barra minn hekk, jidher li nħakem mit-tendenza Illuminista (li aktar tard dakkret ukoll lir-Romantiċi) li l-ilsien nattiv jinstabulu l-għeruq l-aktar remoti possibbli.

Jista' jkun li xi studjużi setgħu użaw it-terminu 'Kartaġiniż' bħala sostitut għal dak li llum hu kopert bil-kelma 'Magrebin', u għaldaqstant kien terminu ġeografiku aktar milli lingwistiku. Dan seta' kien il-każ ta' Megiser u xi oħrajn, imma ma jidhirx li kien il-każ ta' Agius de Soldanis.[52]

Fl-aħħar analiżi, il-kontribut ta' Hervás fl-istudju tal-Malti llum ma fih ebda valur, għajr dak storiku, billi għażel li jkompli jsostni t-teorija Punika li fi żmienu stess kienet diġà kkontestata.[53] Illum, ftit għadhom jiddubitaw li l-Malti għandu affinità ovvja mal-Għarbi Magrebin; xi wħud jaħsbu, mingħajr evidenza konkluživa, li forsi nibet mill-Għarbi mitħaddet fi Sqallija fis-sekli 11 u 12.[54]

**Abstract:** Lorenzo Hervas y Panduro (1735–1809) was a Spanish Jesuit, polyglot, and renowned philologist. His undisputed masterpiece is the 22-volume cosmological tract entitled *Idea dell'Universo*, Cesena, 1778–92. Volumes XVII (*Catalogo delle lingue conosciute*, 1784), XX (*Vocabolario poligloto*, 1787), u XXI (*Saggio pratico delle lingue*, 1787) of this encyclopedia contain substantial information on the Maltese language, including some interesting word-lists. In the latter work, he even provides the Maltese version of the Pater Noster. Hervas based much of his deliberations on what he read in Agius de Soldanis' *Della Lingua Punica*, Rome, 1750; those words not found in the Gozitan's opus are therefore more attention-grabbing. In his works, Hervas always refers to Maltese as 'Punico-Maltese'; however, *en passant*, he also tries to demonstrate its affinity with other Semitic languages such as Hebrew, Ethiopic, and Arabic.

[51] Il-Franċiż Pierre Barthélemy irnexxielu jiddeċifra l-kitba Punika fl-1758 u ppubblika l-konklużjonijiet tiegħu fl-1764. Inċidentalment, irnexxielu jagħmel dan bis-saħħa tat-test bilingwi (bil-Puniku u l-Grieg) ta' żewġ kandelabri tal-irħam li nstabu hawn Malta stess. Agius de Soldanis, mill-banda l-oħra, ħareġ il-ktieb *Della Lingua Punica* fl-1750.

[52] Dawn l-ideat huma sintesizzati tajjeb ħafna fil-ktieb ta' Giuseppe Brincat, *Malta: Una Storia Linguistica*, Ġenova, 2003, pp. 49–50.

[53] It-teorija Punika baqgħet tħeġġeġ saħansitra sal-bidu tas-seklu 20; biżżejjed insemmu x-xogħlijiet ta' Manwel Magri, Anton Manwel Caruana, u Annibale Preca. Din is-sitwazzjoni ħalliet l-istudju serju tal-Malti f'limbu ta' inċertezza kbira.

[54] Cf. ukoll Serafin Zarb, 'The Maltese Language – Phoenician or Arabic?', *Scientia*, X, Malta, 1944, pp. 185–90; Prospero Grech, 'Are there any Traces of Punic in Maltese?', *Journal of Maltese Studies*, 1, Malta, 1961, pp. 130–8; u Uwe Petersen, 'Das Maltesische und seine Herkunft: von der Vermutung zum Vergleich', *Mediterranean Language Review*, 9 (1995–97) pp. 83–92.